

Brussell, 10 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11291/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0129 (COD)

CODEC 967
SIMPL 69
ANTICI 79
ECOFIN 956
EF 234
FIN 833
COMPET 691
COH 129
ENV 663
CLIMA 251
TRANS 282
ENER 350
TELECOM 235
PE 44

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1542 fir-rigward tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi fir-rigward tal-politiki ta' diliġenza dovuta tal-batteriji - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strażburgu, mis-7 sal-10 ta' Lulju 2025)

I. INTRODUEZZJONI

Fid-19 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel dwar mandat¹ għall-Presidenza għal negozjati mal-Parlament Ewropew f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil fl-ewwel qari mal-Parlament Ewropew fuq dik il-bażi malajr.

¹ 10221/25.

Wara li l-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) approva li jipproċedi skont l-Artikolu 52 (Proċedura simplifikata) fit-3 ta' Lulju 2025, il-President, Antonio DECARO (S&D, IT), ippreżenta fisem il-Kumitat ENVI rapport li għandu l-għan li jaċċetta l-proposta tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-gruppi Patrijotti għall-Ewropa (PfE) u tal-Konservattivi u r-Riformisti Ewropej (ECR) ressqu erba' emendi kull wieħed (l-emendi 1 sa 4 u l-emendi 5 sa 8).

II. VOT

Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-10 ta' Lulju 2025 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni u rrifjuta l-emendi kollha mressqa. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Għalhekk, jenħtieġ li l-Kunsill ikun fpożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness ta' dan, u b'hekk jingħalaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

P10_TA(2025)0164

Emenda tar-Regolament (UE) 2023/1542 fir-rigward tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jikkonċernaw il-politiki tad-diliġenza dovuta tal-batteriji

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2025 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1542 fir-rigward tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jikkonċernaw il-politiki tad-diliġenza dovuta tal-batteriji (COM(2025)0258 – C10-0089/2025 – 2025/0129(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2025)0258),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0089/2025),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Ġunju 2025¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, il-Klima u s-Sikurezza tal-Ikel (A10-0134/2025),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Lulju 2025 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2025/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1542 fir-rigward tal-obbligi tal-operaturi ekonomiċi li jikkonċernaw il-politiki ta' diliġenza dovuta tal-batteriji

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

¹ Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

² Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Lulju 2025.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jimponi obbligi ta' diliġenza dovuta tal-batteriji fuq l-operaturi ekonomiċi li jkopru l-akkwist, l-ipproċessar u n-negozjar tal-kobalt, tal-grafit naturali, tal-litju u tan-nikil użati għall-manifattura tal-batteriji. Dawk l-obbligi ta' diliġenza dovuta għandhom jiġu applikati mit-18 ta' Awwissu 2025.
- (2) Fi żmien meta x-xenarju ġeopolitiku qed ikompli jinbidel, jeħtieġ li jingħelbu diversi sfidi, inkluż fir-rigward tal-akkwist tal-materja prima. B'riżultat ta' dan, il-manifatturi tal-batteriji jeħtieġu ż-żmien biex janalizzaw u, fejn meħtieġ, jaġġustaw il-ktajjen ta' provvista tagħhom.
- (3) L-obbligi ta' diliġenza dovuta tal-batteriji stipulati fir-Regolament (UE) 2023/1542 jinkludu rekwiżiti li jkopru l-verifika minn partijiet terzi minn korpi notifikati. Madankollu, il-ħatra ta' tali korpi notifikati qed tieħu aktar żmien milli mistenni. L-iskemi ta' diliġenza dovuta rikonoxxuti mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1542 jiffaċilitaw il-ħidma tal-operaturi ekonomiċi u tal-korpi notifikati. Madankollu, l-iskemi ta' diliġenza dovuta li jindirizzaw il-materja prima preżenti fil-batteriji għad iridu jiġu żviluppati u implimentati aktar, u sussegwentement jgħaddu mill-proċess ta' rikonoxximent tal-ekwivalenza tagħhom mill-Kummissjoni.

³ Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (ĠU L 191, 28.7.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1542/oj>).

- (4) Sabiex jingħata biżżejjed żmien għan-notifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u sabiex l-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu batteriji fis-suq ikunu f'pożizzjoni li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom, id-data tal-applikazzjoni tal-obbligi ta' diliġenza dovuta tal-batteriji stipulata fir-Regolament (UE) 2023/1542 jenħtieġ li tiġi posposta b'sentejn.
- (5) Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ tistabbilixxi regoli u obbligi sabiex jiġi żgurat li l-kumpaniji jidentifikaw u jindirizzaw l-impatti negattivi reali u potenzjali fuq id-drittijiet tal-bniedem u fuq l-ambjent fl-operazzjonijiet tal-kumpanija stess, l-operazzjonijiet tas-sussidjarji tagħhom u, meta relatati mal-ktajjen ta' attivitajiet tagħhom, l-operazzjonijiet tas-sħab kummerċjali tagħhom.
- (6) Il-Kummissjoni għandha tippubblika, f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1542, linji gwida fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta tal-batteriji. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1760, linji gwida fir-rigward tal-gwida u tal-aħjar prattiki dwar kif titwettaq id-diliġenza dovuta. Minħabba li l-konsistenza bejn ir-Regolament (UE) 2023/1542 u d-Direttiva (UE) 2024/1760 hija importanti għall-kumpaniji fil-katina tal-provvista tal-batteriji, jenħtieġ li d-dati rispettivi għall-pubblikazzjoni u d-disponibbiltà ta' dawk il-linji gwida jiġu armonizzati.
- (7) Minħabba li l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jikkontribwixxi għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern, filwaqt li jipprevjeni u jnaqqas l-impatti negattivi tal-batteriji u tal-iskart ta' batteriji fuq l-ambjent u li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-oġettivi.

⁴ Id-Direttiva (UE) 2024/1760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar id-diliġenza dovuta korporattiva dwar is-sostenibbiltà u li temenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u r-Regolament (UE) 2023/2859 (ĠU L, 2024/1760, 5.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1760/oj>).

- (8) Għalhekk, ir-Regolament (UE) 2023/1542 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (9) Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni u biex tiġi pprovduta ċertezza legali mill-iktar fis possibli, jitqies li huwa xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.
- (10) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Emendi għar-Regolament (UE) 2023/1542

L-Artikolu 48 tar-Regolament (UE) 2023/1542 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 1, id-data "Mit-18 ta' Awwissu 2025" hija sostitwita b'"Mit-18 ta' Awwissu 2027";
- (b) fil-paragrafu 5, id-data "Sat-18 ta' Frar 2025" hija sostitwita b'"Sas-26 ta' Lulju 2026".

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President